**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 866/2024/13**

**Pulizija**

**vs.**

**Mohamed Asad Abdalghani**

Illum is-7 ta' Jannar 2025

Il Qorti rat li tressaq taht arrest lil Mohamed Asad Abdalghani ta 30 sena, iben N/A u N/A imwieled Syria nhar il-01 ta' Jannar 1999, residenti 758, Ella Court Flt 2, Triq il-Kbira, San Guzepp, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 256361A

Akkuzat talli fl-4 ta' Lulju 2023 fix-xhur u snin ta' wara gewwa l-ghassa tal- Hamrun fi Triq 11-Ferrovija ,Hamrun , Malta u postijiet ohra diversi fil-Gzejjer Maltin,

1.Akkuzat 'talli' ghamilt falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni

jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk 1-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk 1-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

2. Kif ukoll iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt it-tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar,

Kif ukoll akkuzat talli bejn fl-04 ta' Lulju 2023 u 19 ta' Ottubru 2024 fix-xhur u snin ta' wara gewwa 1-ghassa Siggiewi, gewwa Pjazza San Nicola, Siggiewi u kif ukoll t" diversi postijiet fil-Gzejjer Maltin,

3. Akkuzat ukoll li xjentement ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu.

4. Kif ukoll akkuzat talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, P xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghti taghrif falz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali skont l-artikolu 370(4) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2024 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat minn jeddu irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema

[1] Dok JM1, Folio 4 ta' l-atti processwali

ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu u wissietu sollennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma' hemmx raguni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. L-akkuzi ghalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonijiet finali fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2024.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal nhar il-4 ta' Lulju 2023 meta l-imputat irrapporta li kien tilef dokumenti ta' l-identita tieghu sabiex ikun jista jaghmel wahda

gdida. Madankollu irrizulta li qatt ma kellu dawn id-dokumenti u r-rapport sar sabiex jipprova jaghmel licenzja tas-sewqan.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b' ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti m' ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti.

- Fl-atti jinsab il-fedina penali ta' l-imputat li hija netta. Madankollu din il-fedina tirrifletti biss kondotta gewwa Malta biss.

- L-imputat ammetta fl-ewwel okkazzjoni li seta u fl-iktar stadju bikri. Konsegwentement il-Qorti tqis li l-ammissjoni hija attenwanti favur l-imputat.

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju bikri u b' hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-RepubbIika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[2], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[3], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[4] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[5]

[2] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[3] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[4] Thomson Reuteurs, S-29
[5] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Illi fis-sottomissjonijiet taghha l-prosekuzzjoni talbet il-Qorti tikkunsidra li din ir-rakkomandazzjoni fejn l-imputat jinghata piena ta' prigunerija ta' sena li tkun sospiza ghal tmintax il-xahar.

- Id-difiza qablet ma dan is-suggeriment ghar-rigward il-piena.

- Illi filwaqt li din il-Qorti mhiex marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet dwar il-kunsiderazzjoni tal-piena tara li dak suggerit mil-partijiet huma legalment proponibbli.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 183, 184, 188(1)(2) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Mohamed Asad Abdalghani **hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sena wahda li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal-zmien tmintax il-xahar millum.

Il-Qorti spjegat l-import u l-obbligi naxxenti minn din is-sentenza lill-hati.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f' dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Komunika: Registratur tal-Qrati Tribunali u Kriminali.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar is-7 ta' Jannar 2025 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**